MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 44 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 21 ta' Frar 2013 |
| HIN | 3.00pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezeni |
| Kunsillier | Fredrick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

44.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 43 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

44.2 Arrising out

44.2.1 It-tiswijja tat-triq il-Vapuri kienet saret mit-Trasport Malta u ghalhekk minkejja li kellna risposta mid-dipartiment tal-Gvern Lokali ,li kenu ser jidhlu ghal-ispejjes huma.Il-kunsill qabel li jipprova juza dawn il-fondi sabiex isir patching fit-triq Hemsija.

44.2.2 Dwar il-kwistjoni tal-Venda tal-Karozzini u waqfa ghal Pleasure Train , il-Kunsill kien ser izomm il-Permess li ghandu mal-MEPA bix fil-Car Park jibni venda bit-tinda u ghalhekk ma hemmx lok li isir il-waqfa tal-Pleasure train hemmhekk

44.3 Korrispondenza batch 68

44.3.1 Kellna talba mnin Josephine Muscat sabiex jinhareg permess ghal-acess bil-vettura gewwa l-imdina. Din it-talba ma gietx milqugha

44.3.2 Ittra min Steve Attard dawr il-wrja tal-Vari fil-Kappella ta' Sant'Agatha. Il-Kunsill qabel li jghati l-ghajnuna tueghu.

44.3.3 Talba sabiex jinzamm riceviment ta' Tieg fuq it-Tomba f'Howard Gardens. Kien hemm qbil li jinhareg permess bi hlas ta Euro 350.

44.3.5 Ittra minghand Suni Smith dwar daqq ta' Cirimelli waqt tieg fi pjazza tal-Kunsill. Qbilna li nghatu permess

44.3.6 Ittra minghand Chris Micallef sabiex il-Kuncert ta' Muzika Klassika li kellhu jsir fi pjazza San Pawl isir fi pazza ta;-Isqof. Qbilna lii nghatu permess

44.3.7 Ittra minghand l-Msida Sea Scout sabiex jaghmlu wirja bic-cirimelli fl-Imdina. Qbilna li niddiskutu maghhom dwar din il-possibilta.

44.3.8 Talba minghand Colours of Malta sabiex ikunu jistghu jipparkjaw xi Vintage Cars fid-dahla tal-Mdina. Qbilna li ngahtu permess bil-kundizzjoni li ma jostakulawx it-traffiku.

44.3.9 Ittra min Giovanni Martinelli sabiex nilqghu fostna Banda mil Lel Marche , l-Italia sabiex idoqqu fi-toroq tal-Imdina. Din it-talba giet milqugha.

44.3.10 Talba min Camilleri Wines sabiex jorganizzaw Wine Festival f'Howard Gardens fuq it-Tomba fis-sajf. Qbilna li nghatu permess bi hlas ta Euro340 kuljum u bil-konidzzjoni li huma responsabli ghat-tindief.

44.3.11 Ittra minghad Jose Bricat mit-Transport Malta dwar il-parkegg riservata ghar-residenti fejn il-mina tal-Griegi. Konna ktibna li din iz-zona kient min dejjem riservata ghar-residenti u filfatt kellna mappa mahruga mit-TM li tindika din iz-zona bhal riservata ghar-residenti.

44.3.12Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar progett Tarragon. Minhabba li dan kien progett li jinvolvi skejjel,il-kunsill qabel li ma jippartecipax.

44.3.13Talba mil-Island Caterers ghal bibita zghira fuq is-sur. Qbilna li nohorgu permess u li ma jinzamx administration fee minhabba li din il-kumpanija tghati kontribuzzjoni lil Kunsill.

44.3.14 Talba minghand Rudoph Ciappara dwar l-uzu tat-Tomba ghal Parkegg ta' Muturi waqt visita fl-Imdina. Kien hemm qbil li nghatuhom b'xejn il-post ghal parkegg , izda huma jkunu responsabli ghal hlas tal-parker.

44.3.15Talba minghand ix-Xara Palace sabiex jorganizzaw ikla fi pjazza San Pawl. Qbilna li nghatu permess u jkun hemm talba ghal Hlas ta' Euro4000.

44.3.16Kellna ittra minghand il-Perit Camilleri sabiex jitlob permess biex isir rampa f'palazzo Costanzo fi triq is-Salvatur .Hawn PSM hareg mil-Kamra minhaba li ddikjara li jistgha jkollhu konflitt ta' Intreress. Wara diskussjoni qbilna li nghamlu oggezzjoni ghaliex skond l-indikazzjoni li ghandna din ir-rampa ser timblokka it-trejqa.

44.4 Budget 2013

44.4.1 PS ipprezenta il-Budget ghas-sena 2013.

44.4.2 Wara diskussjoni il-budget gie approvat unanimament

44.5. Rapport Finanzjaru 2012

44.5.1 PS ipprezenta ir-rapport Finanzjarju ta' 2012 hekk kif gie preparat mil-Accountants taghna.

44,5.2 Wara diskussjoni giet approvat ir-rapport biex jigi prezentat lil Awdituri tal-Kunsill.

44.6 Rapport Amministrattiv

44.6.1 Gie prezentat ir-rapport Amministrattiv dwar il-hidma tal-Kunsill matul 2012.

44.6.1 Ir-rapport gie approvat

44.7. Kuntratt Howard Gradens

44.7.1 F'dan l-istadju tal-Laqgha gie mistieden Wilson Mifsud m bhala rappresentant tal-WM Envoroment , dawk li kienu ser jinghataw il-kuntratt tal-manutenzjoni tal-Gonna u Soft Areas. Saret diskussjoni dwar kif nistghu nzommu il- gnien b'mod ahjar u nghatuh dehera isbah.

44.8 Harga Kulturali

44.8.1 Qbilna li norganizzaw Haga Kulturali nhar is-Sibt 23ta' Marzu. Kellna niverifikaw jekk nistghux immorru nzuru l-Ipogeum ta Hal Saflieni

44.9. Tiswijja ta' Triq Hemsija

44.9.1 Kien tiga sar qbil aktar qabel fil-laqgha li ghal dan ix-xoghol ta' patching nitolbu l-ghajnuna tad-Dipartiment tal-Gven Lokali

44.10 Affarijiet ohra meqjusa urgent

44.10.1 Qbilna li naghmlu talba lid-dipartiment tax-xogholijiet sabiex jittrangaw it-toqob tal-Antarjoli gewwa l-Imdina.

44.10.2 Qbilna li ninsistu mal-pulizija sabiex isir infurzar tal-ligi sabiex ma jithallewx Karozzini vicin il-Pont tad=dahla tal-Imdina

43.6 Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 2/13 flimkien mal-Kwotazzjonijiet

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |